MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2005

Appell Kriminali Numru. 85/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Bonnici)**
**Vs**

**Joseph Portelli Demajo**

**Il-Qorti,**

**Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fil-21 ta' Novembru, 2003, ghall-habta ta' l.50 p.m., fi Triq Filippu Castagna, Gudja, saq vettura nru. EBH-078 :**
**1) b'manjiera traskurata;**
**2) bla kont;**
**3) perikoluza;**

**4) waqt li kien qed iregga lura bl-imsemmija vettura, naqas li jiehu l-prekawzjonijiet mehtiega biex jiskansa hbit u accidenti ma' nies jew vetturi ohra fit-triq;**
**5) waqt li kien qed isuq l-imsemmija vettura opera apparat u/jew libes headphones jew uza xi apparat tal-istess xorta (mobile phone) li b'xi mod tellef jew li seta' jtellfu s-smiegh tieghu waqt is-sewqan;**
**6) u aktar b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, laqghat u tefgha ma' l-art lil Josette DeGaetano u nvolontarjament ikkagunalha offizi ta' natura hafifa, skond kif iccertifikat Dr. Katia Zammit M.D. ta' S.L.H.**

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Marzu, 2005, li biha ma sabitx lill-imputat hati w illiberatu.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fit-30 ta' Marzu, 2005, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w issib lil Joseph Portelli Demajo hati tal-akkuzi migjuba kontrih u tinfliggi l-piena skond il-ligi.

**Fliet l-atti kollha processwali.**

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti w cioe' :- 1. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament kompletament irragjonevoli tal-provi migjuba kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza; u 2. li l-kwerelanti ma thallitx iggib certi dokumenti li setghu kellhom rilevanza ghall-kaz u fl-istess waqt fis-sentenza appellata ntqal li kien ikun certament utili li jingabu dawn il-provi ghall-fini ta' attendibilita' , li hu kontrosens.

**Rat ir-risposta tal-appellat minnu pprezentata fis-16 ta' Mejju, 2005;**

**Semghet il-provi mill-gdid fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2005;**

**Semghet it-trattazzjoni;**

**Ikkonsidrat;**

**Illi jidher opportun li l-ewwel nett din il-Qorti tiddisponi mit-tieni aggravju tal-appellant Avukat Generali. Irrizulta mid-depozizzjoni ta' Dr. Anthony De Gaetano mhux kontestata w li din il-Qorti ma ghandha ebda raguni ghala tiddubita minnha fir-rigward, li waqt id-depozizzjoni tieghu quddiem l-Ewwel Qorti hu kien ghamel riferenza ghall-kontijiet tad-danni kemm fil-karozza li kienet biha martu kif ukoll ghal xi dokumenti ohra dwar l-investigazzjonijiet medici li martu ssubiet wara l-incident allegatament minhabba l-istess incident. Ma hemmx dubju li dawn id-dokumenti setghu kienu altru milli rilevanti ghall-kaz, specjalment meta l-Ewwel Qorti lliberat purament fuq konflitt fil-provi. Meta ghandek parti qed tallega li sar incident u parti ohra li - al menu issa - qed tichad kull hjiel ta' incident, ma hemmx dubju li prova tal-hsarat jew offizi subiti tista' tkun rilevanti ferm biex tikkorrobora lil dik il-parti li qed tallega li fil-fatt incident kien hemm. Dan l-ilmenti jassumi aktar rilevanza w portata meta l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata kkummentat li "*il-verzjoni tal-kwerelanta u cioe' dik li kienet maghfusa bejn il-vettura misjuqa mill-imputat u dik ipparkjata li tappartjeni lilha ma ghandha l-ebda korroborazzjoni mal-assjem tal-provi. Indizju zghir bhal hsara fuq il-bieba tal-vettura taghha kien certament ikun utili ghall-fini ta' attendibilita'*." Dan l-aggravju jidher ghalhekk gustifikat u din il-Qorti gja prrovdiet dwaru fil-kors tat-trattazzjoni meta ordnat li dawn id-dokumenti jkunu accessibbli ghall-iskrutinju tal-Qorti , kif fil-fatt sar.**

**Ikkonsidrat;**

**Illi dwar it-tieni aggravju din il-Qorti thoss li jkun utili li jigu rikapitolati fil-qosor id-depozizzjonijiet li hi semghet , stante li l-vertenza timpernja fuq kwistjoni ta' kredibilita'.**

DOCTOR ANTHONY De GAETANO **xehed li fil-jum in kwistjoni kienet cemplitlu martu w talbitu biex imur malajr ghax hi kienet giet mghaffga mall-bieba tal-car taghha mill-appellat. Hu mar dritt id-dar u kif wasal hemm kien sab il-car ta' martu ezatt mall-bankina quddiem il-garage tieghu w lil martu tibki bil-wieqfa hdejn ommha. Qaltlu : "*Ghaffguni mall-bieba tal-car*." Ra lil kellha idejha, sieqha w gembha tax-xellug minfuhin. Il-car tal-appellat kienet xi hames piedi boghod . Dak il-hin l-appellat kien mar fuq ix-xhud u skuza ruhu w qallu "*Ma rajthiex. Ghandek ragun. Ghandek ragun*. *Kif smajtha twerzaq ergajt mort 'l quddiem."* Il-cars kienu kif jidhru fl-*sketch*. Ix-xhud dak il-hin innota li l-gemb tax-xellug kien mahmug u qal lill-appellat : "Int ghaffigtha bil-bieba tal-petrol." Hu nnota wkoll li l-bieba tal-car ta' martu fuq in-naha tad-*"driver's seat"* kienet mghattna . L-appellat qallu li hu ma kellux hsara. Gew il-Pulizija w anki l-ambulanza w martu ttiehdet l-Isptar fejn kellhom suspett li martu seta' kellha "*hairline fracture*" izda din ma rrizultatx. Invece kellu danni fil-car u l-bieba kellha timbidel bi spiza ta' LM117 u il-kont tal-panel beating tela' ghall-LM45 u dak tal-sprayer ghall-LM71, b'kollox ghalhekk id-danni fil-vettura kienu jammontaw ghall-LM233 u dan skond kontijiet li hu kkonferma u wera lil din il-Qorti . Dawn ried jurihom lill-Ewwel Qorti imma din ma halliethux. Wara l-incident lill-appellat kien semghu juza l-mobile phone. Sussegwentement hu kellu informazzjoni li l-appellat kien raga' mar fuq il-post u ha xi ritratti w allura kien irraporta dan lil-Pulizija w meta dawn kellmu lill-appellat, dan kien qalilhom li kien mar hemm ghax kien involut f' xi incident tat-traffiku.**

**In kontro-ezami x-xhud qal li l-appellat kien qallu wkoll : *"Ghax ma tagmillhiex ftit silg? Ma jidher li ghandha xejn. Skuzani la lilha u lanqas il-karozza ma rajt. Ghandek ragun. Ghandek ragun."***

**PS 1429 ERIC MANGION** xehed li dak in-nhar tal-incident l-appellat kien qallu li kien qed jirriversja w ma ra lil hadd . Sema hoss ta' mara tghajjat . Hu stess kien ra l-bieba ta'

quddiem tal-lemin tal-car b'ghafsa . Ma kienx ra hsara fuq il-car tal-appellat. Ikkonferma l-sketch esebit .

WPS 40 ISABELLA CAMILLERI **xehdet li wara li kellha rapport li l-appellat kien rega' mar fuq il-post sussegwentement u wara li kellmet lill-appellat dwar dan, hu kien qalilha fl-24 ta' Novembru, 2003 li kien mar u ha xi ritratti tat-triq f' kaz illi jkollu xi kawza l-Qorti**

JOSETTE DE GAETANO **xehdet li dak in-nhar f' xis-12.50pm, hi kienet sejra ghat-tfal l-iskola. Kien hemm l-irxix tax-xita. Kienet harget il-car mill-garage, tfietha, nizlet taghalaq il-bieb tal-garage u kif ser terga' tidhol fil-car taghha w ddahhal ic-cavetta, hasset xi haga timmbuttaha u ghajjtet : *"Ajma. Ajma*" . Tal-car li laqatha waqaf u rega' mar il quddiem. Dak il-hin l-appellat kellu t-twieqi tal-car tieghu maghluqin u kellu l-mobile f' idejh u kien qed jirrispondi t-telephone. L-appellat kien qalilha : *"Fejn kont? Ma kontx hawn."* Hi wegbitu "*Hawn kont."* . L-appellat qalilha *"Jien tabib*." u hi rrispondietu : *"Tmissnix*." Dak il-hin hi kienet mughuguha w gabulha siggu. Il-car tal-appellat kienet *"across the road*" minnha qabel. Idha kienet inqabdet bejn ic-cavetta w l-bieba . Kienet ukoll wegghat gembha u ghawwget l-ghaksa. Kellha *very slight cracks* skond Dr. Crockford u ghamlet sitt xhur tara lill-Orthopoedic Surgeon , Mr. Sultana.**

Fil-kontro-ezami x-xhud qalet li karozza gejja fuqha ma ratx pero' kienet qabel rat car "*further down the road, across the road."* Spjegat li l-car l-ohra kienet giet fuqha b' lura djagonalment u hekk kienet meta laqtitha . Wara pero' mexa ftit il-quddiem. Tenniet li l-appellat kien qalilha "*Ma rajthekx . Il-karozza ma kienetx hawn."*

**L-APPELLAT** , minn jeddu, xehed li dak in-nhar tal-incident hu kien mar jaghmel vizta fi Triq Castagna li hi triq li ma tinfidx. Hu kien ipparkja faccata ta' fejn toqghod Mrs. De Gaetano "*on the left*" . Ghamel il-vizta li kellu jaghmel u gie lura biex jitlaq f' xil-1.15pm. Sab van warajh u van quddiemu u van fil-bokka tat-triq. Allura kellu

jirriversja . Dak il-hin ma kienx hemm cars man-naha l-ohra tat-triq hlief wahda hdejh u allura hu gie f' nofs it-triq u rriversja lura tul ta' xi tlitt karozzi fid-dritt. Sema xi hadd ihabbattlu fuq wara u waqaf. Sab lil Mrs De Gaetano tghajjat "*Ajma. Ajma*" u allura rega mexa xi tlitt piedi 'l quddiem. Mrs. De Gaetano bdiet tghid "*Saqajjja tugani. Ilwejt saqajja*." w meta mar joffrilha l-ghajnuna ghax hu tabib , din qaltlu : *"Tmissnix. Tmissnix. Ha ncempel lir-ragel."* Fil-fatt cemplitlu w qaltlu biex imur ghat-tfal. Sadattant hi baqghet darha jistrieh mall-car, thares lejh u riedet tibqa' bil-wieqfa . Gie zewgha u dan insista li tigi l-ambulanza w l-Pulizija w lil Mrs. De Gaetano haduha l-isptar. Hu ma kienx qal "*Skuzani"* lil Dr. De Gaetano. Hu kien qed jikkontesta li laqat lil Mrs. De Gaetano . Hu ma rax hsara fil-bieba tal-car taghha. Fil-car tieghu hu ghandu "*cradle*" ghall-mobile phone u ghalhekk ma jaqbdux b' idejh u cahad li kellu l-*mobile phone* f' idejh dak il-hin. Hu ma kienx raha qabel lil Mrs. De Gaetano . Hu fil-car ghandu *alarm* mar-*reverse gear* u dak in-nhar ma kienx daqqlu. Hu kien hares lura billi dawwar rasu w hares ukoll fis-*side mirror*. Jekk Mrs. De Gaetano wegghat hu **jahseb** li dan sar ghax hi zelqet u waqghet , ghalkemm dan hu ma rahx u jista' biss jissoponieh.

Ikkonsidrat;

Illi ghalkemm l-appellat qed jikkontesta li fil-fatt hu kien laqat lill Mrs. De Gaetano , din il-Qorti tara li hija ferm aktar attendibbli il-versjoni ta' Mrs. De Gaetano , kif korroborata minn dik ta' zewgha u mic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi provi indizjarji, bhal per ezempju l-hsara fuq il-bieba tal-car taghha li ra l-istess PS Mangion, meta mar fuq il-post tal-incident dak il-hin stess . Ma hemmx dubju li l-appellat kien qed jirriversja. Ma hemmx dubju li hu *"ex admissis*" ma kienx ra la l-car ta' Mrs. De Gaetano pparkjatha man-naha l-ohra tat-triq lura minn fejn kien wieqaf hu kif ukoll lanqas ma raha lil Mrs. De Gaetano magemb il-car taghha ser tidhol fiha. Imma ma hemmx dubju li din kienet hemm ! Tant li bdiet thabbattlu fuq il-car tieghu w kien dak il-hin li hu ttenda biha, waqaf u rega mexa ftit piedi 'l quddiem. Lanqas mhu kontestat li minnufieh Mrs. De Gaetano dak il-hin stess bdiet tilmenta

minn ugiegh u ma riedetx ticcaqlaq u li spiccat l-isptar fejn kien hemm sahansitra kellhom suspetti ta' xi "*hairline cracks*" tal-ghadam skond Dr. De Gaetano. Umbaghad jidher li Mrs. De Gaetano ghamlet xi zmien tigi kurata minn kirurgu . Hemm umbaghad id-depozizzjoni ta' Dr. De Gaetano li jghid li meta hu wasal fuq il-post wara l-incident , l-appellat qallu : "*Ma rajthiex. Ghandek ragun. Ghandek ragun.*" F' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ghandha ebda dubbju dettat mir-raguni li xi tip ta' skontru bejn il-vettura tal-appellat u Mrs. De Gaetano kien hemm u li jekk din wegghet, kif indubbjament ghamlet , dan kien proprju r-rizultat ta' dan l-iskontru . Dak li qed jispekula l-appellat li Mrs. De Gaetano wegghet ghax zelqet fiz-zlieq tax-xita w waqghet hija biss kongettura tieghu ghax hu dan ma rahx isir kif xehed hu stess u , fic-cirkostanzi , din hi ipotesi li m'ghandhiex mis-sewwa , lanqas sal-grad tal-probabbli.

Assodat mela li kien hemm kuntatt –legger kemm kien legger – bejn il-car tal-appellat u Mrs.De Gaetano, jrid jigi ndagat jekk l-appellat kellux responsabbilta' ghal dan l-iskontru. Illi hu ukoll assodat li l-car ta' Mrs. De Gaetano kienet stazzjonarja w pparkjata mall-bankina ta' quddiem il-garage w dar taghha man-naha l-ohra tat-triq u li hi kienet ser tidhol fiha mill-bieba tad-driver meta ntlaqtet u li l-unika vettura li kienet qed ticcaqlaq dak il-hin kienet dik tal-appellat li kienet qed tirriversja.

Issa l-manuvra tar-*reversing* hija wahda delikata w impenjattiva w tesigi certu diligenza w prudenza da parti tas-sewwieq. Ir-Regolament 81 tar-Regolamenti ta' l-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur jiddisponi li :-

*"Kull min isuq vettura bil-mutur ma ghandux iregga' lura izjed 'il boghod jew f'izjed milli jkun bil-fors mehtieg u* ***ghandu jiehu dawk il-prekawzjonijiet li huma mehtiega biex jiskansa hbit u accidenti ma nies jew vetturi ohra fit-triq"*** (emfasi tal-Qorti).

L-istess jirrakkomanda l-**Highway Code** fil-paragrafi 80 sa 83 :-

*"Before you reverse, make sure that there are no children or other persons or any obstruction in the blind area behind you . If your view to the rear is restricted , get help when reversing. Do not reverse for a greater distance than is absolutely necessary."*

Issa hu ovvju wkoll li l-aktar prekawzjoni elementari hija dik li tesplora tajjeb it-triq lura minnek billi tezercita "*a proper lookout*" . Kif gie ritenut fis-sentenza Ingliza "**Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** (1968) :-

*"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead – it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity . A motorist shall have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Fl-Appell Kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** [10.8.1963] gie ritenut li "*Hu dover ta' driver 'to see what is in plain view ' .*" U fl-Appell Kriminali **"Il-Pulizija vs. J. M. Laferla**" [17.6.1961] gie deciz li *"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm 'a proper lookout' ".*

Illi fid-dawl ta' dawn id-dettami ta' sewqan prudenti jidher car li s-sewqan tal-appellat kien karenti ghal kollox mill-element ta' esplorazzjoni w ta' "proper lookout" . Mrs. De Gaetano u l-car taghha zgur li ma immaterjalizzawx fit-triq f' hakka t' ghajn u li kien ilhom hemm ghal xi hin. Il-car kienet inharget mil-garage, giet ipparkjatha, mitfija w imhollija wahedha sakemm Mrs. De Gaetano regghet nizlet minnha biex taghalaq il-bieb tal-garage u dan bil-fors li ha certu interval ta' hin, qasir kemm hu qasir. Inoltre meta marret biex terga tidhol fil-car Mrs. De Gaetano zgur li kienet vizibbli ma gemb il-car taghha. B' dana kollu l-appellat la ra l-car u lanqas lilha. Ghalhekk jirrizulta sal-grad tac-certezza morali li l-appellat naqas milli jiehu l-aktar prekawzjoni bazilari fit-twettieq tal-manuvra delikata li kien qed jesegwixxi. Kien dan in-nuqqas li zgur wassal biex baqa' diehel – bil-mod kemm trid u ghalhekk forsi ma

ndunax li missha – fuq Mrs. De Gaetano w ghafasha mall-bieba tal-car taghha b' sahha bizzejjed pero' li anki ikkaguna ghafsa fl-istess bieba li ra s-Surgent u li kellha tissewwa bi spiza sostanzjali, kif irrizulta bla ebda dubbju lil din il-Qorti mid-depozizzjoni ta' Dr. De Gaetano w d-dokumenti minnu murija lill-Qorti.

Illi l-fatt li fil-car tal-appellat ma kienx hemm hsara ma jfissirx li ma kienx hemm kuntatt, ghaliex fl-ewwel lok meta vettura tolqot bil-pinna taghha fejn ikun hemm aktar sahha inqas hemm probabbilta' li jkun hemm hsarat markati w f' kull kaz fi skontru bejn il-hadid u l-laham bi speed baxx kif zgur kien f' dan il-kaz , ftit hu probabbli li jkun hemm xi effett fuq tal-ewwel anki jekk il-vittma twegga leggerment.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti , b' dan in-nuqqas l-appellat irrenda ruhu ta' sewqan hazin u imprudenti u b' hekk dan jirrendih hati tar-raba w s-sitt imputazzjonijiet . Din il-Qorti hija sodisfatta li jirrizulta li Mrs. De Gaetano sofriet feriti ta' natura hfief fl-incident u del resto kienet l-istess difiza tal-appellat li quddiem l-ewwel Qorti vverbalizzat li qed "tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ggib aktar provi dwar il-griehi subiti" (fol.6 tal-process) oltre dawk li jidhru esebiti a fols. 12 sa 14 tal-process li kollha jindikaw li sofriet *slight injuries* konsistenti f' *abrasion u tenderness* f' diversi partijiet ta' gisimha w li kienet qed issofri minn "*soft tissue trauma to upper and lower limbs*" Jirrizulta ukoll li mill-*X-Rays* li sarulha , ma nstabux fratturi.

**Illi dwar l-ewwel tlitt imputazzjonijiet, gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament li, jekk sewqan hux (i)** negligent**i ; jew (ii)** bla kont **jew (iii)** perikoluz **hi kwistjoni ta' "**degree**". (App.Krim**. Pul. vs. Charles Bartolo **[14.3.59] ;** Pul. vs. Wilson **[Vol. XXXIX p. 1018] u** Pul. vs. Alfred Vella **[Vol. XLIV ; p. 933] ) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta' taghhom, l-aghar is-sewqan perikoluz. (App. Krim.** Pul. vs. Hardingham**, [19.10.1963]) . Gie ukoll ritenut li biex jintegra ruhu ir-reat ta' sewqan perikoluz , hemm bzonn ta' certu grad ta' *"recklessness*" (App. Krim.** Pul. vs. Charles Farrugia **[Vol.XXXIX p. 1018].) "*Recklessness"* giet**

**defenita bhala "*wilfully shutting one's eye*" (App. Krim.** Pul. vs. Joseph Aquilina **, [20.4.1963] ) . Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim**. Pul. vs. Antonio Spiteri **, [Vol. XLIV , p.892] )**

**Illi gie ukoll ritenut fl-Appell Kriminali :** "The Police vs. Gunner Brian Wilson**" [7.5.1955] li :-**

***"It is not easy to formulate in words the difference between dangerous driving and negligent driving. There are cases which are on the face of them glaring instances of dangerous driving. Other cases are absolutely cases of negligence. It is the borderline cases that require consideration in the light of the difference between negligent and careless driving on the the one hand and dangerous driving on the other and where the difficulty arises. It is safe to say that the difficulty is a question of degree, which is in the sense that dangerous driving implies something more serious than mere careless driving."* (ara ukoll f' dan is-sens : App. Krim.** "Il-Pulizija vs. Manwel Mallia" **[9.3.1959] u "**Il-Pulizija vs. Charles Bartolo **" [14.3.1959] (Kollez. Vol. XLIII p. 1001 u p. 1016 , rispettivament)**

**Umbaghad fl-Appell Kriminali :** "Il-Pulizija vs. Giuseppe Galdes" **( [3.5.1953] Kollez. Vol. XXXVII iv. p.1108) gie ritenut li ;- *"sabiex ikun hemm il-perikolu hemm bzonn li jkun hemm xi haga aktar mis-semplici vjolazzjoni ta' normi regolamentari ."***

***"Biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz jehtieg mod ta' sewqan li juri certu grad ta' recklessness u non-kuranza tali li jigi krejat perikolu u mhux bizzejjed li fil-kaz partikolari kien hemm potenzjalita' ta' perikolu ."* (ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Charles Farrugia" [5.3.1955] Vol. XXXIX, iv. p.978)**

**Insomma kif gie ritenut fl-appelli kriminali ta'** Mallia **u** Bartolo **fuq citati "*kriterju facli bejn sewqan negligenti w sewqan perikoluz ma hux facli li jigi stabilit , kif***

***lanqas wiehed ma jista' jaghti definizzjoni preciza ta' sewqan perikoluz . Il-kwistjoni hija kollha wahda ta' "degree" u kull kaz ghandu l-fattispecji tieghu."***

**Ikkonsidrat;**

**Illi meta analizzat id-dinamika tal-incident kollu fejn hu ovvju li ma kienx hemm xi speed gholi – ghax kieku l-entita' tal-feriti li sofriet Mrs. De Gaetano zgur ma kienux ikunu dawk kif fuq deskritti fic-certifikati – imma zgur ferm aktar serji – u fejn kien hemm biss nuqqas ta'** *proper lookout* **waqt manuvra tar-*reversing*, din il-Qorti hija tal-fehma li la jirrizulta sewqan bla kont u lanqas sewqan perikoluz . Jirrizulta biss sewqan b' manjiera traskurata skond l-ewwel imputazzjoni w dan ir-reat hu assorbit fis-sitt imputazzjoni ghax serva bhala mezz biex seta' jigi kommess ir-reat imsemmi fis-sitt imputazzjoni.**

**Jibqa' biex jigi deciz jekk kellhiex tirrizulta l-akkuza taht il-hames imputazzjoni u cioe' li waqt li kien isuq l-appellat opera apparat (mobile phone) li b' xi mod tellef jew seta' tellef is-smiegh tieghu waqt is-sewqan. Il-Qorti, wara li ppezat sew il-provi dwar dan ir-reat fejn l-allegazzjoni mhux korroborata ta' Mrs. De Gaetano hija kategorikament michuda mill-appellat li xehed li fil-car tieghu sahansitra ghandu "cradle" ghall-mobile phone u li ma hemmx ghalfejn jaqbad il-mobile phone b'idu biex jikkomunika, u li ma kellux il-mobile f' idejh dak il-hin u konsidrat ukoll li Mrs. De Gaetano qabel l-incident ma kienetx rat lil car tal-appellat gejja lejha w allura wisq inqas setghat rat lill-appellat bl-mobile f' idejh, waqt li kien qed isuq** qabel **l-incident , tara li hemm konflitt fil-provi li jikkreja dubju ragjonevoli liema dubju ghandu jmur favur l-appellat. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma tirrizultax minnhabba konflitt fil-provi.**

**Ikkonsidrat**

**Li, ghall-fini ta' piena, jintqal li skond l-artikolu 17 (h) ir-raba' imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel**

**imputazzjoni ta' sewqan b' maniera traskurata u din a sua volta peress li ggib piena akbar mir-reat kontemplat fl-artikolu 226 (1) ( c ) li tahtu taqa' s-sitt imputazzjoni , bir-regola tal-konkors formali u idejali ezistenti bejn iz-zewg reati tassorbixxi s-sitt imputazzjoni.**

**Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi milqugh limitatament u s-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi konfermata fejn ma sabitx lill-appellat hati tat-tieni, tat-tielet u tal-hames imputazzjonijiet u minnhom illiberathu w qed tigi revokatha fejn ma sabitx lill-appellat hati tal-ewwel, tar-raba' u tas-sitt imputazzjoni w minnflok issibu hati tal-istess bl-assorbiment tar-raba' w s-sitt imputazzjoni fl-ewwel imputazzjoni kif fuq intqal u, wara li rat l-atikoli 226(1)( c ) u 17(h) tal-Kap.9,15 (1) (a) u (3) tal-Kap.65 u r-regolament 81 Tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur, tikkunndannah hamsin lira (LM50) multa w tissospendieh mill-licenzji kollha tas-sewqan ghall-periodu minimu ta' tmint ijiem li jibdew jiddekorru mil-lejla f' nofs il-lejl.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------